StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 3

**IT-TIELET KLASSI** **IL-MALTI** **IL-ĦIN: SAGĦTEJN**

L-Isem: ______________________ Il-Klassi: _________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**L-ISKEMA TAL-MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

Aqra sewwa din is-silta, u wara wieġeb il-mistoqsijiet:

**IS-SIĠAR MALTIN**

L-għan tan-*Nature Trust* hu li tipprova terġa' tħaddar lil gżiritna, billi tħawwel siġar f'postijiet fejn għad hemm ħamrija u art għammiela għas-siġar. Mhux is-siġar kollha huma indiġeni għal dawn il-gżejjer. Fir-riżerva ta' Wied Għollieqa ssib bosta minn dawn is-siġar jikbru fis-selvaġġ, wara li ġew miżrugħa mill-għaqda *Nature Trust*. *(par. 1)*

Siġra indiġena Maltija hija s-siġra nazzjonali, is-siġra tal-Għargħar, li tħaddar is-sena kollha. Il-weraq tagħha huma rqaq, fuq zkuk kannella fl-aħmar, u huma dawn li jagħmlu s-siġra tiflaħ ħafna għan-nixfa u l-melħ. Din is-siġra tibda tagħmel weraq speċjalizzat, jiġifieri weraq 'raġel' jew weraq 'mara' fuq l-istess siġra. Fil-weraq speċjalizzat 'raġel' ikun hemm it-trab tad-dakra li jdakkar il-weraq speċjalizzat 'mara' li minnu tifforma l-frotta, li tissejjaħ 'prinjola'. Ġo fih issib iż-żerriegħa li tinxtered mar-riħ. Kull żerriegħa ssibilha par ġwienaħ wesgħin, qishom tal-karta, biex ittir, u għalhekk is-siġra l-ġdida ma tikbirx tmiss m'oħra. *(par. 2)*

L-Għargħar ġiet iddikjarata s-'Siġra Nazzjonali' tal-gżejjer Maltin fl-1992. Hija siġra rari li fl-Ewropa tinstab biss f'Malta u Spanja. Fil-gżejjer Maltin tikber fis-selvaġġ f'xi 5 postijiet biss, u f'uħud minn dawn l-inħawi tikber ma' xi blat minkejja li jkun hemm nuqqas ta' ħamrija. *(par. 3)*

Siġra importanti oħra hija l-Ħarruba; din tħaddar is-sena kollha. Għandha weraq maqsumin f'werqiet żgħar li ssibhom tnejn tnejn u miksija b'għata protettiva kontra s-sħana u l-qawwa tad-dawl tas-sajf. Fil-ħarifa tfewwaħ il-kampanja Maltija bil-fjuri żgħar li ma tantx jagħtu fil-għajn u li jiġbdu lejhom diversi insetti bħal żnażan u dud. Din is-siġra tinsab f'ħafna pajjiżi tal-Mediterran, iżda mhijiex indiġena għal Malta u ddaħħlet mill-bniedem ħafna snin ilu, u issa bdiet tikber weħidha fis-selvaġġ. Din tagħmel għeruq twal 'l isfel sakemm isibu l-ilma. Illum din is-siġra saret parti mill-kampanja Maltija u hija mferrxa sew f'widien u mal-ġnub ta' għelieqi u rziezet. *(par. 4)*

(addattament liberu minn kitba ta' Zach Engerer, li dehret fil-ħarġa ta' Diċembru 2009, għadd 306, tas-*Sagħtar*)

**A. FEHIM IT-TEST** (10 marki)

Aqra sew dawn il-mistoqsijiet, imbagħad wara wieġeb ***fi kliemek***.

1. X'inhu l-għan tan-*Nature Trust* ?

____________________________________________________________

____________________________________________________ (marka)

2. Kif jista' jirnexxilu dan l-għan tan-*Nature Trust* ?

____________________________________________________________

____________________________________________________ (marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Għaliex taħseb li l-Għargħar ġiet iddikkjarata s-'Siġra Nazzjonali' tal-gżejjer Maltin?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

4. Fisser, ***fi kliemek***, xi jrid jgħid biha l-kittieb meta jgħid li *Din is-siġra tibda tagħmel weraq speċjalizzat … (par. 2).*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

5. Għalfejn siġra ġdida tal-Għargħar mhux dejjem tikber tmiss ma' oħra bħalha?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (marka)

6. X'għandha ta' interess il-Ħarruba biex tipproteġiha kontra s-sħana u l-qawwa tad-dawl tas-sajf?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (marka)

7. Semmi żewġ differenzi bażiċi bejn is-siġra tal-Għargħar u dik tal-Ħarrub.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA** (20 marka)

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Imla l-vojt bi kliem flok il-parentesi u skont il-ħtieġa. (6 marki)

a. Fil-masġar żgħir ta' ħdejna hemm ____________ (7) siġriet tal-ħarrub, imma __________ (4) minnhom għadhom tassew żgħar.

b. L-Għargħar ġiet iddikkjarata s-'Siġra Nazzjonali' tal-gżejjer Maltin fl- __________________

__________________________________ (1992).

ċ. F'Għawdex, b'popolazzjoni ta' ____________________________ (34,000), ukoll insibu ħafna siġar sbieħ.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

d. Kien hemm _________________________ (3 bniet). Tnejn minnhom kellhom _________ prinjoli, u l-oħra kellha __________________________________ (14 miżwed).

e. Waqt li kont ________________ (rikeb) fuq iż-żiemel, intbaħt li sħabi ħadd ma kien qed jagħti kasi għax kienu kollha ____________________ (rieqed).

2. Wieġeb u imla kif mitlub/a: (4 marki)

| | |
|---|---|
| a. *tissejjaħ (par. 2)* huwa verb (a) fl-1 forma, (b) fit-2 forma jew (ċ) fil-5 forma? | a. |
| b. Sib verb fis-7 forma minn paragrafu tnejn. | b. |
| ċ. Sib partiċipju passiv mill-ewwel paragrafu, u ieħor minn paragrafu erbgħa. | ċ. (par. 1) -<br>(par. 4) - |

3. Aqra sew din is-sentenza, u wara ikteb il-partiċelli kif mitlub/a. (4 marki)

Jaħasra! Tassew jisgħobbija għal Marija! Wara l-mewt ta' bintha, u ta' oħtha, illum tilfet ukoll ix-xogħol.

| | |
|---|---|
| Interjezzjoni: | Prepożizzjoni: |
| Konġunzjoni: | Avverbju taż-żmien: |

**LESSIKU / VOKABULARJU**

4. Fisser skont is-silta. (2 marki)

| | |
|---|---|
| a. *għammiela (par. 1)* | a. |
| b. *indiġeni (par. 1)* | b. |

5. Mir-raba' paragrafu sib il-kelma li tfisser: ***ilqugħ.***

Il-kelma hija: ____________________________________________________________ (marka)

**ANALIŻI TESTWALI**

6. Il-kelma *pajjiżi (par. 4)* hi ta' nisel: (a) semitiku __, (b) rumanz __ jew (ċ) Ingliż __ ? (marka)

7. Il-kelma *ssibhom (par. 4)* għal xiex qiegħda tirreferi?
(a) iz-zkuk żgħar _______, (b) is-siġar ________, (ċ) il-werqiet żgħar ________ (marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**SINTASSI**

8. Aqra din is-sentenza u wara wieġeb il-mistoqsija.

"Xi ġmiel huma dawk is-siġar tal-Għargħar u tal-Ħarrub!"

Din is-sentenza hija waħda (a) esklamattiva, (b) interrogattiva, (ċ) negattiva, (d) imperattiva?

Is-sentenza hija ______________________________ (marka)

**Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** (4 marki)

a. Daħħal iż-żewġ idjomi ta' hawn taħt f'sentenza (waħda għal kull idjoma) biex turi ċar it-tifsira tagħhom: (2 marki)

jara 'l kulħadd dubbien:

______________________________

______________________________

ħasel idejh:

______________________________

______________________________

b. Kompli dan il-qawl u fissru: Ħadd mhu kuntent ______________ (marka)

Tifsira: ______________________________ (marka)

**D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV** (8 marki)

Agħżel **waħda** minn a u b u ikteb madwar **60 kelma** fuq karta separata.

a. Għadek kemm qrajt ktieb bil-Malti li għoġbok tassew. Iddeskrivih fil-qosor.

b. Fir-raħal tiegħek se jiġi organizzat jum mimli logħob u kant, bil-qligħ kollu jmur għad-Dar tal-Providenza. Ikteb avviż bħala riklam għal din l-okkażjoni.

**E. TIFTIX – TRAWWIM KULTURALI** (8 marki)

Fil-proġett **Idea ta' Lingwa** int studjajt u għamilt tiftix fuq kif żviluppa l-Ilsien Malti tul iż-żminijiet, u għaraft is-sbuħija ta' lsienna. Agħżel **waħda** minn dawn it-temi li ġejjin u li huma marbutin mal-proġett li għamilt u, fuq karta separata, ikteb dwarha f'**60 kelma**.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

(a) *L-importanza li tkun taf aktar minn lingwa waħda f'pajjiżna*
(b) *Il-valur tal-lingwa Maltija*
(ċ) *L-elementi li jsawru l-Ilsien Malti*

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**F. LETTERATURA** (30 marka)

**(i)** ***Nadriet 3***

1. X'insejħulha l-għamla tal-poeżija ***Pitirross*** ta' Victor Fenech?

______________________________________________ (marka)

2. Għalfejn jiġi l-pitirross kull Ġimgħa l-Kbira?

______________________________________________ (marka)

3. Dwar min jitkellem Dun Karm Psaila fil-poeżija ***Poeta***?

______________________________________________ (marka)

4. Dun Karm ma' min ixebbah lil din il-persuna?

______________________________________________ (marka)

5. *Jien id-deżert għatxan tal-Arizona*, fil-poeżija ***Arizona*** ta' Achille Mizzi hi:

(a) similitudni ___; (b) anafora ___; (ċ) metafora ___. (marka)

6. X'kuntrast naraw bejn l-ewwel parti u t-tieni parti tal-poeżija ***Arizona***?

______________________________________________

______________________________________________ (2 marki)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

7. X'insejħulha l-figura tad-diskors *Il-qasba biss qed tħares lejn is-sema,* fil-poeżija **Qasba**

_______________________________________________ (marka)

**(ii)** ***Aktar Nadriet*** (4 marki)

F'madwar **30** kelma ikteb il-ħsieb ta' **waħda** minn dawn il-poeżiji li nsibu f'Aktar Nadriet:

*Fis-skiet; Matul is-snin tal-ħajja; Jekk baħar int għalija; Raqdet il-belt; Fuq il-palm tal-ħbiberija; Iż-żgħożija; Fjura tas-sur; Ħabbata*

**(iii)** ***Stejjer taċ-Ċarrut*** (6 marki)

Wieġeb **waħda** minn 1 u 2. Ikteb madwar **50** kelma.

1. Dwar liema traġedja naqraw fl-istorja ***L-Iskuter***?

***jew***

2. Xi ġralu t-tifel bin-nuċċali fl-istorja ***Il-Bulijiet*** dakinhar li mar l-iskola l-ewwel darba?

**(iv)** ***Jinqabad bid-Drogi*** (6 marki)

Wieġeb **waħda** minn 1 u 2. Ikteb madwar **50** kelma.

1. X'taf dwar Ċinzja? Għaliex ħarbet mid-dar? Fejn marret?

***jew***

2. Spjega għaliex Helen kienet tgħix bl-imħabba tal-biċċiet.

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**(v)** ***Stejjer għal Qabel Jidlam*** (6 marki)

Agħżel **waħda** minn 1 u 2. Ikteb madwar **50** kelma.

1. Ikteb dak kollu li taf dwar Bertu, it-tifel tal-baħar, fl-istorja ***It-Tifel tal-Baħar***.

***jew***

2. Fl-istorja ***L-Ewwel Telefonata,*** Filomena liema affarijiet ma rnexxilhiex iddaħħal u liema daħħlet?

**Ġ. Komponiment** (20 marka)

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **250 kelma** fuq karta separata.

1. Ktieb imqatta'
2. Joanne u Joe
3. Taħt is-sodda fil-kamra tan-nanna
4. Wirdiena, ġurdien u jien.
5. Fis-sajf, ma' ħbiebi.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers